darba li kien semgħu! Jiftakar, huwa u rieġa' lura, kien qagħad igħidu f'qalbu t-triq kollha... Kien jum bħal dak, kienet għamlet ix-xita ħabta u sabta, u qabditha hemm, ġol-wied, lilha u lil oħtha ż-żgħira. Żgur kienu jixxarbu għasra li ma bediex igħajtıl-hom hu u jgħidilhom fejn jistkennew, taħt blata għolja fuq ir-riħ tal-wied... Kienu qabdu jitkellmu, l-ewwel fuq ix-xita, imbagħad fuqhom infushom. U saret taf li hu kien imur ta' sikwit il-wied, u qabel telqet iżżietu ħajr u hu staqsieha x'jisimha. U l-leħen ta' Bianca baqa' jidwi f'widnejh għal żmien!...

Ma kenitx din l-aħħar laqgħa tagħhom. Kienu ġew joqogħdu hemm, qaltu, ftit qabel, u għadha ma taf 'il ħadd. Tixtieq iddur dawk l-inħawi sew... U Ninu u Bianca saru ħbieb sewwa; żaru n-naħiet kollha tal-wied, urieha l-mogħdijiet u t-trejqat li jwasslu s'hemm, qalliha fuq in-nassaba li jbakkru fil-għodu kmieni biex imorru fuq il-mansab u jifirxu x-xibka, jew fuq ıl-kaċċaturi li fi żmien ıl-passa tal-gamiem u tas-summien kienu jaslu s'hemm jistennew igħaddi xi ġewnaħ. Tarrfilha l-ħrejjef tal-fatati li kienu jħarrfu fuq dik id-dar il-kbira f'tarf il-wied li kienet dejjem battala... Iż-żmien dejjem għaddej—ħarġet ix-xitwa, ir-rebbiegħa għoddha spiċċat u s-sajf qiegħed magħna. U mat-tibdil taż-żmien inbidlet ukoll il-ħbiberija bejn Ninu u Bianca u saret xi ħaġa oħra li n-nies issejjaħ Imħabba... Għaddejjin id f'id qalb il-qamħ isfar tax-xahar ta' Mejju, ħalfu kemm-il darba li mħabbithom kellha tkun sal-mewt. Ma' kull xahar l-imħabba kienet tikber magħhom... Ninu kien iħossu qed igħix f'dinja oħra—imma Bianca, għax tgħid, kienet dejjem maħkuma minn dell ta' swied il-qalb!

Bianca kienet tħoss xi ħaġa tgħidilha li ħajja hekk sabiħa ma setgħetx iddum żmien twil. Kellha bilfors tinqala' xi ħaġa biex tqajjimhom minn dik il-ħolma li kienu fiha. U fost l-akbar hena ġie li bdiet tibki u xxerred dmugħ jaħraq! Bħat-tfajla tal-għanja, qisha kienet imwielda minn blata samma għax il-biki biss kien rabbieha! Ħajjitha kollha hekk kienet! Malli taqbad fi dwejjaq kbar.. Għalhekk id-dmugħ kien jaqbżilha minn għajnejha fost it-tifwir bl-imħabba ta' qalbha żagħżugħa!...

Donnha l-qalb ta' Bianca kienet ħebbritha bit-tmiem li kellu jkun għaliha! Ġiet il-gwerra u kienet minn ta' l-ewwel li ġarrbet il-qilla tal-bombi tal-għadu. Mietet mirduma—u l-mewt tagħha għall-ewwel bellhet 'il Ninu, li baqa' jmur bħas-soltu fil-wied,



isejħilha b'isimha, u jieqaf, jissemma' għad-diwi tal-leħen tiegħu biss!......

Issa għaddew ix-xhur u Ninu beda joqgħod għall-ħajja ta' madwaru. Imma meta, bħal dak in-nhar, tagħmel ix-xita u jħoss is-sejħa ta' Bianca ġejja minn naħa tal-wied, irid joħroġ, u jmur qalb l-egħlieqi, u hemm ifittixha f'kull rokna tal-wied... U fil-ħsieb tiegħu jerġa' jgħix għal ftit ma' l-imsejkna Bianca maqtula mingħajr ħtija!...

---

# IS-SIGRIET TA' MEJJU

*Ta'* E. AGIUS

Għalfejn jiġi Mejju,
L-imdieheb, il-ħlejju,
Isejjaħ għall-ħajja
Kemm huma l-ħolqien?
Għalfejn ir-rebbiegħa,
F'kull naħa, f'kull siegħa.
Issebbaħ u ssaħħar
L-għoljiet u l-widien?

Jien naf, għaliex darba
Mill-bliet għamilt ħarba,
Tlaqt kollox warajja
Bla ħsieb u bla qies:
Kien l-ewwel ta' Mejju,
Ifewwaħ bil-plejju,
Intlift qalb ir-raba',
Wisq b'għod minn man-nies.

Hawnhekk jien qsamt ħsiebi
Ma' dawk l'huma ħbiebi,
Mal-friefet imferrfxa,
Man-naħal beżlin,
Mal-pepprin ħamrani,
Mal-kemmun daħkani,
Mal-gremxul imgerrxa,
L-għasafar henjin.

Dawn lili qaluli,
B'għemilhom fissruli,
Xi tkun ir-rebbiegħa,
Il-ħajja xi tkun;
Tifsir illi jiena
Mġiegħel mill-ħniena,
Lil ħadd m'jien sa ngħidu
Ikun min ikun.

Oh ftakru li Mejju,
Il-fietel, il-ħlejju,
Jinbagħat biex iferraħ
Il-qlub tal-bnedmin,
Fid-djieq ta' Novembru,
Fis-sried ta' Diċembru
Ta' Mejju t-tifkira
Tagħmilkom henjin.